# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

## Kap 3: Nieħdu ħsieb xulxin

## Lezzjoni 3.8: Nobdikom



### L-Għanijiet:

### L-istudenti:

1. Jiżviluppaw għafien tal-kwalitajiet ta' Ġesù.
2. Jitkellmu dwar l-ubbidjenza lejn il-ġenituri u lejn l-awtorità ċivili, ir-rispett lejn kull persuna u l-għajnuna lejn kull persuna.
3. Janalizzaw kif jistgħu jimitaw lil Ġesù bħala studenti li qed jikbru.



### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Powerpoint: stampa ta' Ġesù żgħir (mastrudaxxa)
- Karta ta' Taħriġ 3.6
- Silta mill-Vanġelu: Meta Ġesu' ntilef fit-tempju. Luqa 2: 41-51
- Vidjow-klipp: Jesus lost in the temple

  http://www.youtube.com/watch?v=c-mPzxmj9DI

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Ibda l-lezzjoni billi turi l-istampa ta' Ġesù fil-ħajja normali tiegħu.
- Staqsi lill-istudenti x'jimmaġinaw li kienet il-ħajja ta' Ġesù meta kien għadu żgħir.
- Agħti ftit informazzjoni dwar il-kultura ta' dak iż-żmien. Xi punti importanti huma dawn:

  It-tfal kienu jitgħallmu s-sengħa ta' missierhom (subien) u l-bniet jgħinu fid-dar.

  Kienu wkoll imorru jitgħallmu l-iskrittura fis-sinagoga.

  Nimmaġinaw li kienu jilagħbu u jieħdu pjaċir ukoll, u għalhekk il-ħajja ta' Ġesù kienet tixbah ħafna lil dik tagħna.

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- Ippreżenta s-silta ta' meta Ġesù ntilef fit-tempju. waqt li turi l-istampa minn fuq IWB.
- Tista' tħalli lill-istudenti jimmaġinaw u jiddiskutu il-mawra ta' Ġesu' f'Ġerusalemm li kienet l-ewwel mawra tiegħu.
- Uri l-klipp u wara ħalli l-istudenti jIddiskuti x'setgħu ħassu l-ġenituri meta ma sabuhx.
- Fiehem lill-istudenti bir-risposta ta' Ġesù lil ommu.
- Hawnhekk tajjeb li nispjegaw li Ġesù ma kienx arroganti imma kien qiegħed biss juri n-neċessità li hu sa minn ċkunitu jagħmel dak li riedu Alla Missieru.
- Enfasizza l-aħħar sentenza ta' din is-silta billi turi li Hu mar u kien ubbidjenti lejhom.

- Iftaħ il-ktieb tal-attivitajiet 3.6. Aqra u spjega s-silta mogħtija u fuq bażi ta' klassi imla Attività A.

  Risposti: 4- 1- 5 – 2 – 6 – 3 – 7 – 9 – 8 – 10

- Stieden lill-istudenti biex fi gruppi jiddiskutu u jaħdmu Attività B u wara ara li kulħadd ikun niżżel ir-risposti t-tajbin.
- Xi risposti jistgħu jkunu dawn:

  a) kien jagħmel li jgħidulu.

  b) għax kien jagħmel dak li jgħidulu, kien imur jitgħallem u jagħmel li jitgħallem.

  c) tkun tilgħab u trid tmur tixtri – m'għandekx aptit tistudja u tagħmel dan – tgħin lin-nanna fix-xogħol tad-dar meta tippreferi tkun ma' sħabek.

- Aqra Attività Ċ u oħloq diskussjoni għal din l-attività.
- Agħlaq il-lezzjoni billi tispjega l-fatt li hemm nies madwarek jew m'hemmx, inti trid dejjem taħdem biex tagħmel is-sew.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Insara u ċittaddini tajbin huma bnedmin li jobdu.
2. Biex tobdi ma jfissirx li jrid ikollok l-għassa miegħek. Ifisser li taf x'qalulek jew x'għandek tagħmel u tagħmlu.
3. Is-silta ta' meta Ġesù ntilef fit-Tempju – Lq.2, 41-51.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Meta nobdi nkun qed nikber u nuri wkoll rispett

lejn min iridli l-ġid.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Vidjow-klipp; Jesus lost in the temple

  http://www.youtube.com/watch?v=c-mPzxmj9DI



## Nitolbu

Sinjur Alla, għinni biex dejjem nagħraf nagħmel is-sewwa

nkun fejn inkun u nkun ma' min inkun.

